# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Rikors Numru: 97/2018 RM**

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**Vs**

**Dr. Benjamin Valenzia LL.D. li b'digriet tat-30 ta' Jannar 2018 inhatar bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-werrieta incerti tal-mejjet Damon Ray**

**Illum, 7 ta' Novembru 2018**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta plcipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' April 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna l-konvenut nomine:

*jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbatax-il elf, hames mija u tlettax-il ewro, sitta u erbghin centezmu (€14,513.46) bilanc ghad-debitu fil-"Credit*

*Card Loan Account" tal-mejjet Damon Ray mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta' Marzu 2018 sal-jum tal-pagament effettiv.*

*U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-Iskrittura privata datata 19 ta' April 2014 (Dok. "B") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut nomine (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti* [recte. attrici] *kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm tibdiliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut nomine li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut nomine ddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar 2018 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut nomine li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' Dr. Benjamin Valenzia li b'digriet tat-30 ta' Jannar 2018 inhatar bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta werrieta incerti tal-mejjet Damon Ray, liema risposta giet ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Gunju 2018 u li permezz taghha tressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *"Illi hu mhux edott mill-fatti.*
2. *In linea preliminari li l-bank attur ghandu jipprezenta certifikat tal-mewt tal-istess Damon Ray biex jipprova li l-istess Damon Ray huwa mejjet.*

3. *In linea preliminari ukoll il-bank attur ghandu juri ukoll illi saru r-ricerki testamentarji tal-mejjet Damon Ray ghall-finijiet ta' successjoni peress illi hemm indikat li l-kuratur inhatar ghal eredi mhux maghrufa.*
4. *Illi l-bank attur ma jistax jitlob li l-imghax jibqa' jigi kkalkulat mid-data tal-mewt ta' Damon Ray ghax dan kien fl-impossibilita' li jhallas u ghaldaqstant anqas ghandu jehel penalitijiet da parti tal-bank mid-data ta' mewta dejjem jekk ikun il-kaz.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibli skont il-ligi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2018, wara illi l-Bank attur iddikjara li ma ghandux iktar provi, il-Kuratur Deputat Dr. Benjamin Valenzia iddikjara li ma ghandux provi xi jressaq u l-partijiet qablu li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tal-Bank attur f'din il-kawza hija ghall-hlas tas-somma ta' erbatax-il elf, hames mija u tlettax-il ewro u sitta u erbghin centezmu (€14,513.46) rapprezentanti bilanc dovut fil-Credit Card Account li kellu Damon Ray mal-istess Bank skont kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti komplessivament bhala Dok. B[1]. Din il-kawza saret kontra Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` incerta tal-imsemmi Damon Ray

[1] Fol. 3 *et seq.*

wara li ma baqghux isiru pagamenti dovuti fuq il-Credit Card Account mertu tal-kawza u wara li l-Bank sar jaf li l-imsemmi Damon Ray kien gie nieqes.

Fit-13 ta' Gunju 2018 xehdet **Dorianne Tanti**, Executive Officer in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u kkonfermat li l-bilanċ fis-somma ta' erbatax-il elf, hames mija u tlettax –il Euro u sitta u erbghin centezmu (€14,513.46) mitlub fir-rikors promotur, għadu dovut mill-mejjet Damon Ray, liema somma ma tinkludix l-imgħax dekors mis-6 ta' Marzu 2018 'il quddiem. Ix-xhud esebiet ir-riċerki li saru mill-Bank fuq Damon Ray[2] kif ukoll ċertifikat proviżorju tal-mewt tal-istess Damon Ray[3]. Sussegwentement, fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2018, il-Bank esebixxa b'nota kopja awtentikata ta' estratt mic-certifikat tal-mewt[4] tal-istess Damon Ray li minnu jirrizulta li huwa miet fit-8 ta' Gunju 2016.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li baqghu mhux kontestati, jirrizulta li Damon Ray kellu Credit Card Account mal-Bank u jirrizulta wkoll mic-certifikat tal-mewt u r-ricerki testamentarji esebiti fl-atti illi l-imsemmi Damon Ray miet fit-8 ta' Gunju 2016.

Illi bil-produzzjoni tar-ricerki testamentarji kif ukoll ic-certifikat tal-mewt ta' Damon Ray gew sorvolati t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet imressqa mill-Kuratur Deputat f'din il-kawza.

[2] Dok. Z1 u Z2 a fol. 33 u 34.
[3] Dok. Z fol. 32.
[4] Dok. DK2 a fol. 38

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-raba' eccezzjoni tieghu, il-Kuratur Deputat eccepixxa li l-imghax mhux dovut wara d-data tal-mewt ta' Damon Ray ghaliex kien fl-impossibilita` li jhallas, u lanqas m'ghandu jhallas penalitajiet.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li mill-atti ma hemmx prova illi wara d-data tal-mewt ta' Damon Ray il-Bank applika u talab xi penalitajiet.

Inoltre, il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut nomine li wara l-mewt tad-debitur ma jibqax jiddekorri l-imghax fuq is-somma dovuta mill-istess debitur u tqis li dan l-argument huwa bla siwi. Il-Bank irnexxielu jipprova li huwa kreditur ta' Damon Ray fuq *Credit Card Account* skont il-ftehim Dok. B datat 19 ta' April 2014, u illi f'xi zmien sar jaf li d-debitur gie nieqes u ma baqghux isiru pagamenti skont kif miftiehem. Jirrizulta wkoll illi a tenur tal-klawsola numru 5 tal-istess ftehim Dok. B, in-nuqqas ta' pagamenti kif miftiehem iwassal ghat-terminazzjoni tal-ftehim, f'liema eventwalita`, il-partijiet kienu ftiehmu espressament li l-imghaxijiet jibqghu jiddekorru fuq il-bilanc dovut[5], u dan oltre ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

F'kull kaz il-Qorti qieghda tqis li l-ftehim in kwistjoni gie terminat f'kull kaz fid-data tal-mewt ta' Damon Ray cioe` fit-8 ta' Gunju 2016 u illi minn din id-data 'l quddiem l-imghax li baqa' jiddekorri fuq il-kont kellu jkun bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) u mhux dak maqbul fil-ftehim stante illi dan ma baqax fis-sehh u ghalhekk l-imghax li seta' jintalab fuq il-bilanc dovut fuq il-

[5] Klawsola 18.

kont in kwistjoni wara l-mewt tad-debitur kellu jkun fir-rata kontemplata fl-Artikolu 1852 tal-Kodici Civili.

In kwantu l-imghax, il-Qorti tosserva qabel xejn li mill-atti ma jirrizultax x'kien il-bilanc dovut fuq il-Credit Card Account in kwistjoni fid-data tal-mewt ossia fit-8 ta' Gunju 2016. Izda, jirrizulta mill-prospett Dok. A illi l-imghax li beda jakkumula fuq il-kont in kwistjoni sa mit-30 ta' Settembru 2016 inhadem mill-Bank bir-rata semplici ta' 8%. Il-Qorti tifhem illi dan sar appuntu minhabba l-fatt illi l-ftehim Dok. B ma kienx ghadu fis-sehh wara l-mewt tad-debitur.

Izda, il-kontestazzjoni tal-konvenut nomine m'hijiex indirizzata lejn ir-rata jew il-metodu ta' komputazzjoni tal-imghax izda hija fis-sens li ma kellu jghaddi ebda imghax kwalsiasi wara d-data tal-mewt ta' Damon Ray. Kif diga` inghad, il-Qorti ma taqbilx, u ma tarax ghaliex il-Bank ghandu jitlef il-jedd tieghu ghall-hlas tal-imghax meta l-kagun tad-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni kif kontemplat fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili, ikun il-mewt tad-debitur. Wara kollox, l-imsemmi Artikolu ma jaghmel ebda distinzjoni in kwantu r-raguni ghall-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni biex ikun dovut l-imghax. Konformament, m'hemmx dubju li wara d-data tal-mewt l-imghax jibqa' jiddekorri izda bir-rata ta' 8% u dan kontra u a kariku tal-eredita` tad-defunt.

Il-Qorti ghalhekk tqis bhala infondata r-raba' eccezzjoni tal-konvenut nomine u qieghda tichadha.

Mill-provi jirrizulta[6] li fit-8 ta' Novembru 2017 l-ammont komplessiv dovut, kompriz l-imghax semplici, kien ta' €14,176.57, liema ammont il-Bank interpella lill-konvenut nomine ghall-hlas permezz tal-ittra ufficjali pprezentata fil-15 ta' Jannar 2018[7] fejn talbu wkoll ihallas imghax ulterjuri mit-8 ta' Novembru 2017 sad-data tal-hlas. Sussegwentement ghal din l-interpellazzjoni gudizzjarja, bl-applikazzjoni ta' imghax fir-rata ta' 8%, is-somma ta' €14,176.57 zdiedet ghal dik ta' €14,513.46 sal-5 ta' Marzu 2018[8], liema somma tirrapprezenta l-bilanc mitlub f'din il-kawza.

Fid-dawl tar-rizultanzi tal-provi, il-Qorti tqis illi gie ppruvat sodisfacjentement illi l-eredita` tal-mejjet Damon Ray ghandha taghti lill-Bank attur is-somma minnu mitluba f'din il-kawza u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, jirrizulta li din is-somma ghadha dovuta sal-lum.

Ghaldaqstant, billi t-talbiet tal-Bank attur gew ippruvati, jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici u konsegwentement filwaqt li tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata Dok. B datata 19 ta' April 2014, partikolarment imma mhux esklussivament, billi sehhew bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' Damon Ray li pperikolaw jew affettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, intilef il-beneficcju**

[6] Ara s*tatement of account* Dok. A a fol. 2 u ittra ufficjali Dok. C a fol.17.
[7] Dok. C, a fol.17 *et seq.*
[8] Vide Dok. A.

**tat-terminu u d-debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbatax-il elf, hames mija u tlettax-il Euro u sitta u erbghin centemzu (€14,513.46) bilanc dovut fuq Credit Card Account, flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta' Marzu 2018 sad-data tal-pagament effettiv.**

**In kwantu ghall-kap tal-ispejjez, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha salv ghad-dritt dovut lill-Kuratur Deputat liema dritt ghandu jithallas mis-socjeta` attrici.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**